Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS- SEBGĦA U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 8 ta'Frar 2012

**Ħin:** Mis-5.30pm sas-6.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur G. Borg
Is-Sur T. Degiorgio

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Sitta u Ħamsin laqgħa aġġornata tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sitta u Ħamsin laqgħa aġġornata ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier T. Degiorgio xtaq jgħaddi kumment fir-rigward tal-Performance Bonus li ngħata lil-ex Segretarja Maria Zammit peress li ma setgħax jattendi għal l-aħħar laqgħa.

Huwa xtaq juri d-disapprovazzjoni tiegħu għal fatt li ngħatat il-massimu ta' 10% Performance Bonus. Fl-opinjoni tiegħu jista' jingħad il-fatt li hija tat tmintax-il sena servizz, pero l-performance bonus jinħadem sena b'sena. Għas- snin l-oħra ħadet il-bonus li kien ħaqqha pero' din is-sena fl-opinjoni tiegħu mhux talli ma ħadmitx imma għamlet lill-Kunsill bsaten fir-roti. Għalhekk il-massimu tal-persentaġġ kien żball u missu ma ngħatax.

Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mil-Vici Sindku, Is-Sur J.Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġejna mgħarrfin mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma li l- *letter of acceptance* ħarġet lill-kuntrattur biex jagħmel ix-xogħolijiet ta' tibdil tal-mains tal-ilma taħt il-pjazza.

Il-Kunsill ġie mgħarraf minn Transport Malta fejn qalulna li ma tinżamm ebda statistika ta' kemm nies qed jużaw is-servizz tat-trasport pubbliku wara talba li saritlu mill-Kunsill.

Il-Perit Cordina bagħat jinforma lill-Kunsill li għalissa m'hemmx fondi biex tkun tista' ssir mill-ġdid it-triq ta' balzan valley minn Transport Malta.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret laqgħa ma' s-Sur Mark Causon f'isem Europe Direct biex jiġu ċċarati xi ċertu punti u xi kjarifikazzjonijiet wara li rebħu il-kuntratt ta' Project Administrator għall-progett tat-tisbiħ tal-Pjazza Bertu Fenech.

## 3. Korrispondenza

**Ittra Numru 1559/12 –** Talba mill-Kumpanija Big Ben Interiors biex terġa' tiġi installata t-tabella tal-*90min Parking Sign.* Is- Sindku informa lill-Kunsill li diġa' saret talba lil Transport Malta biex jerġgħu jiġu installati fil-kuntest tat-talba tagħna biex ikun hemm *timed parking* fi Triq Il-Mitħna, Valley Road, Triq It-Tabib Zammit, Triq Il-Providenza u Triq San Franġisk.

**Ittra Numru 1555/12** – Talba għal permess sabiex isiru xi toqob ġodda fil-pjazza għal-logħob tan-nar tal-art. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**Ittra Numru 1551/12** – Ittra minn SOS Malta Intercultural Event biex itellgħu attivita'. Ġie ssuġġerit li din l-attivita' tittella' f'Lulju fi żmien il-Lejla Balzanija.

## 4. Rapport Finanzjarju Annwali Għas-Sena 2011

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2011. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuz). L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti.

Fuq mozzjoni tas-Sindku li kien issekondat mill-Viċi Sindku, s-Sur J. Galea, il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju Annwali għas-sena 2011, kif emendat.

## 5. Rapport tal-Ilmenti

**Ilment Nru 17011080153881**: Suġġeriment li jinżebgħu l-parking bays tul Wied Ħal Balzan. Il-Kunsill japprova li ssir suġġett li jsir re-surfacing tat-triq.

**Ilment Nru 17011063154420**: Talba biex titwessa d-double yellow line ħdejn is-stop sign fi Triq Qarcilla kantuniera ma' Triq Il-Kannizzata u jsiru parking bays. Il-Kunsill japprova li jsiru dawn il-parking bays pero' d-double myellow line ma jistax isir għax dawn huma standard.

**Ilment Nru 170110211154443**: Talba biex fis-sajf nhar ta' Tlieta jinġabar l-iskart domestiku. Din it-talba ma' ntlaqatx mill-Kunsill.

**Ilment Nru 17011021154443**: Talba biex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Ġulju Cauchi. Il-Viċi Sindku qal li din trid tinbidel kollha u ma'għandux ħaddiema biex jagħmilha. Il-Kunsill irid jara jekk il-fondi jippermettux biex isir dan.

**Ilment Nru 17011089155090**: Talba biex il-parti t'isfel ta' Vjal Sir M. Refalo ssir one-way u karozzi li jkunu ħerġin għal Triq Birbal qed ikunu ostakolati minn karozzi li jkun pparkjati fil-kantuniera. It-talba ma tistax tintlaqa' għaliex jiġu effettwati toroq oħra. Rigward l-ipparkjar ħazin ħa jiġu mgħarrfa il-gwardjani lokali biex jagħmlu enforcement.

**Ilment Nru 170110099156444**: Talba biex issir zebra crossing f'Wied Ħal Balzan ftit il-fuq minn fejn Triq It-Tabib Zammit. Il-Kunsill ħa jara x'jista' jsir u jekk hux possibbli li jsir dan.

**Ilment Nru 17012026158847**: Talba għal restricted parking fi Triq it-Tabib J. Zammit. Il-Kunsill kiteb lil Transport Malta u qed jistenna risposta.

**Ilment Nru 1701203518876**: Talba biex isir slow sign immarkat mal-art fi Triq Il-Kbira. Il-Kunsill iddeċieda li jsir stop sign mal-art.

**Ilment Nru 17012016160567**: Talba biex isir re-surfacing tat-Triq Sir Antonio Micallef. Il-Kunsill jaqbel li dan isir imma l-fondi allokati lill-Kunsill ma jippermettux dan.

## 6. Affarijiet Oħra

Il-Kunsillier G. Borg irrefera għar Restawr u l-paviment tas-Salib taħt l-Iskema Restawr ta' Postijiet Storici Żgħar li tinsab fi Triq It-Tlett Knejjes fejn irrefera li ltaqa' ma' Ms. Ingrid Ross restawratriċi u qaltlu x'hemm bżonn isir. Is-Sindku qal li kif ikollna l-fondi allokati dan isir.

Il-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fejn qed ikun hemm diversi telfonati ta' lmenti fejn dawn jirrapurtaw fuq nies oħra u ma jkunux iridu jagħtu il-particulars tagħhom biex inkunu nistgħu nagħtuhom risposta. Huwa talab li minn issa 'l quddiem dawn jekk ma jibdewx jagħtu l-particulars tagħhom m'hemmx għalfejn jiġu investigati. Il-Kunsill qabel ma' dawn u qal lis-Segretarju biex jara li dan isir.

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal- 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 9935.71

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' Frar, 2012 fil-5.30pm

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mr. M. Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data